SWIEQI

**MINUTI**

**KUNSILL LOKALI SWIEQI**

**IL-HAMES KUNSILL 2007-2012**

**SEDUTA NUMRU 58**

**IT-TNEJN 16 ta' JANNAR 2012 FL-UFFIĊĊJU AMMINISTRATTIV TAL-KUNSILL FIL-5.00P.M.**

**PREŻENTI:**

| | |
|---|---|
| CARMEN SAID | SINDKU |
| JOSEPH BONELLO | VIĊI SINDKU |
| ALFRED CURMI | KUNSILLIER |
| MARIO FAVA | KUNSILLIER |
| PAUL FENECH | KUNSILLIER |
| RENE`ROSSIGNAUD | KUNSILLIER |
| GORDON SHEPHARD | KUNSILLIER |

**TALBA**

IS-SINDKU QALET IT-TALBA.

## I APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

1. Il-minuti tas-seduta numru 57 ġew approvati. Il-Kunsillier Fenech ippropona u s-Sindku ssekondat.

## II PUNTI LI JOĦORĠU MILL-MINUTI

**<u>Mill-Kunsillier Alfred Curmi</u>**

1. Il-Kunsillier staqsa jekk waslitx xi risposta mit-Transport Malta dwar meta ser jibda x-xogħol ta' kisi bit-tarmak fi Triq il-Marbat. Is-Segretarju Eżekuttiv informa li għad ma waslet l-ebda risposta dwar meta ser jibdew dawn ix-xogħlijiet.

2. Il-Kunsillier staqsa jekk waslitx xi risposta mit-Transport Malta dwar meta ser tibda r-rotta il-ġdida għas-Swieqi. Is-Sindku nfurmat li reġgħet għamlet kuntatt mall-persuna inkarigata mit-Transport Pubbliku pero' dan ma indikax meta ser issir it-tibdil.

3. Il-Kunsillier staqsa jekk ġietx indikata data dwar meta ser jitranġaw il-ħsarat li saru fil-bridge tas-Swieqi waqt li kien qed isir il-kisi bit-tarmak fi Triq Sant' Andrija. Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li għad ma waslitx risposta dwar dan.

4. **<u>Millll-Kunsillier Paul Fenech</u>**

1. Il-Kunsillier staqsa jekk inkitbitx l-ittra lir-resident li qed jagħmel l-ilment dwar is-siġra fuq il-bankina fi Triq il-Molletta u jekk ġietx iffissata laqgħa maż-żewġ residenti. Is-Segretarju informa li l-ittra intbagħtet pero' ir-resident għad ma irrispondiex.

**HUGH ZAMMIT** **CARMEN SAID**
**Segretarju Eżekuttiv** **Sindku**

## III KOMMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU

1. Is-Sindku nfurmat li bagħtet ittra ta' ringrazzjament lill-Kumissajru tal-Pulizija għall-għajnuna tiegħu fir-rigward ta' sigurta' matul il-ġranet tal-Milied u l-ewwel tas-Sena.

2. **Tennis Court**
   Is-Sindku nfurmat li waslet korrispondenza mill-Bord tal-UIF. Dawn infurmaw dwar xi permessi li jridu jiġu applikati mall-MEPA dwar l-olterazzjonijiet li ser isiru fil-ġnien. Jekk dawn ma jsirux allura l-applikazzjoni għall-fondi mill-UIF ma tistax tiġi ikkonsidrata. L-applikazzjonijiet u permessi mall-MEPA li jinkludu wkoll il-ħlas tal-Perit jammentaw madwar €800.00. Il-Kunsill qabel unanimament li dawn isiru mill-aktar fis.

3. Is-Sindku nfurmat li ż-żjara tal-President kienet ta' suċċess. Ħafna residenti ċemplu l-Kunsill u irrmarkaw għall-organizzazzjoni tajba.

4. Dwar l-ikla tal-Milied sar qbil li issir fit-2 ta' Frar 2012. Il-prezz li ser iħallas il-Kunsill għal kull Kunsillier huwa ta' €25.00. Dawk li ser ikunu akkumpanjati ser iħallsu il-parti tagħhom.

5. Il-Kunsill staqsa dwar meta ser issir is-sejħa għall-offerti għal kisi bit-tarmak ta' Triq il-Qasam. Is-Sindku infurmat li l-Perit tal-Kunsill qed jipprepara l-ispecifications tax-xogħlijiet. Malli dawn jitlestew tkun tista tiġi ppublikata l-offerta. Il-Kunsill talab li meta tiġi ppublikata l-offerta, isir avviz lir-residenti, jiġu infurmati bix-xogħlijiet u nitolbu skuża għal kull inkonvenjent.

## V RAPPORTI MILL-KUNSILLIERA

**Mill-Viċi Sindku Joseph Bonello**

1. Il-Viċi Sindku informa b' ħajt perikoluz fi Triq ta' l-Ibrag (tal-Mekkek). Wara diskuzzjoni ġie deċiż li l-Viċi Sindku ser jagħmel kuntatt ma kuntrattur biex dan jagħti stima tax-xogħlijiet. Il-Kunsill talab sabiex dawn ix-xogħlijiet isiru mill-aktar fis.

2. Il-Viċi Sindku irraporta ukoll il-bżonn ta' bozza ġdida fi Triq Habb il-Qamħ. Il-Kunsill approva dawn ix-xogħlijiet.

3. Il-Kunsill ġie nfurmat ukoll li qed iżomm kwantita' ta' ilma fi Triq il-Qasam quddiem St. Andrews Court. Il-Viċi Sindku ħa l-inkarigu li jinvestiga u jirraporta il-ħsarat lill-Kunsill.

**HUGH ZAMMIT**
**Segretarju Eżekuttiv**

**CARMEN SAID**
**Sindku**

## V RAPPORTI MILL-KUNSILLIERA (jkompli...................)

**Mill-Kunsillier Alfred Curmi**

1. Il-Kunsillier informa bil-bżonn li jinżebaħ l-isfar fuq it-Traffic calmers. Is-Segretarju Eżekuttiv informa li dawn ix-xogħlijiet isiru neta jippermetti t-temp.

2. Il-Kunsillier talab ukoll biex tiġi rrifreskata iż-żebgħa tas-siment taħt il-mini fl-entratura tas-Swieqi.

3. Il-Kunsillier informa li kellu kuntatt mas-Sur Godwin Vella il-Kuntrattur li kien qed jibni fi Triq il-Molletta dwar tindif taż-żona fejn dan kien qed jagħmel ix-xogħlijiet tiegħu. Il-Kuntrattur wiegħed li t-tindif ser issir mill-aktar fis.

4. Il-Kunsillier irrimarka dwar il-bankina perikoluża tiżloq fi Triq is-Swieqi fil-viċinanza tal-ħwienet. Is-Segretarju informa li dwar din il-materja ser jerġa jitkellem mall-Kuntrattur tad-distrett (Public Works Department).

5. Il-Kunsillier irraporta arblu tad-dawl perikoluż fil-kantuniera ta' Triq is-Sirk ma' Triq il-Ħemel. Dan l-arblu imsaddad u qiegħed fi stat ta' periklu.

6. Il-Kunsillier fakkar dwar is-sistema tat-tourist zone u irrimarka li jridu jiżdiedu xi ismijiet ta' toroq oħra ma dawk li ġew ippublikati s-Sena li għaddiet.

**Mill-Kunsillier Paul Fenech**

1. Il-Kunsillier talab sabiex isiru is-sinjali tat-traffiku biż-żebgħa fi Triq Pedidalwett. Is-Segretarju Eżekuttiv informa li d-dawl diġa ordnat.

2. Il-Kunsillier ilmenta dwar dewmin ta' bdil ta' bozzoz maħruqa kemm mill-kuntrattur tal-Kunsill kif ukoll mill-kuntrattur ta' l-Enemalta. Hu irrefera għal kas ta' Triq il-Gejza. Il-ħsara damet ma issewwiet pero' il-problema kienet ġejja mill-kuntrattur ta' l-Enemalta.

**Mill-Kunsillier Gordon Shephard**

1. Il-Kunsillier informa dwar palma kbira fi Triq il-Barmil, Victoria Gardens. Hu talab sabiex din tinżabar. Is-Segretarju Eżekuttiv informa li billi din is-siġra miżrugħa fil-privat, ix-xogħlijiet iridu jsiru mis-sid.

   Il-Kunsillier informa dwar ċint ta' għalqa li ggarraf bil-maltemp. Hu staqsa ta' min hi responsabilta' li jerġa jibni dan iċ-ċint. Is-Segretarju informa li la darba iċ-ċint mibni il fuq mit-Triq allura ir-responsabilta' taqa' fuq sid il-għalqa.

**HUGH ZAMMIT** **CARMEN SAID**
**Segretarju Eżekuttiv** **Sindku**

## V RAPPORTI MILL-KUNSILLIERA (jkompli...................)

**<u>Mill-Kunsillier Rene Rossignaud</u>**

1. Il-Kunsillier informa li kellu laqgħa mall-kuntrattur fil-ġnien tas-Swieqi sabiex isiru xi olterazzjonijiet fir-railings ta' madwar il-ġnien minħabba kwistjoni ta' siġurta'. Ix-xogħlijiet ser jibdew mill-aktar fis.

## VI KOMMUNIKAZZJONI MIS-SEGRETAJU EŻEKUTTIV

1. Is-Segretarju informa li hemm il-bżonn li tiġi ppublikata offerta għas-servizzi ta' handy man sabiex dan jagħti l-għajnuna tiegħu lill-Zaren Borg (kuntrattur tal-Gonna). Il-Kunsill ġie infurmat li din l-offerta ma giet ippublika fis-snin li għaddew peress li l-ammont rikjest ma kienx jaqbez il-€1165.00 fis-Sena pero' peress li żdiedu is-siegħat l-ammont ġie jaqbez ir-regolamenti ta' direct order. Il-Kunsill qabel li għandha ssir sejħa għall-offerta. Is-Segrearju Ezekuttiv informa wkoll li fil-preżent l-għajnuna ġejja minn persuna li registrata mar-Richmond Foundation.

2. Is-Segretarju Eżekuttiv informa li waslet l-allokazzjoni finanzjarja għal dan il-Kunsill għas-Sena 2012. Din tirreġistra €1700 aktar mis-Sena li għaddiet. Is-Segretarju informa li billi l-budget diġa sar u approvat mill-Kunsill kellha ssir revizjoni. Id-differenza ser tiżdied ma l-allokazzjoni tat-toroq.

## VI APPROVAZZJONI TA' XIRI U PAGAMENTI

1. Gew approvati il-pagamenti kollha li dehru fuq l-iskeda tal-pagamenti. Il-Kunsillier Fenech ippropona u l-Kunsillier Curmi ssekonda.

**Il-laqgħa spiċċat fit-7.30p.m. u ġie deċiż li l-aġġornament għal nhar it-Tnejn 20 ta' Frar 2012 fil-5.00p.m.**

**HUGH ZAMMIT**
**Segretarju Eżekuttiv**

**CARMEN SAID**
**Sindku**